MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru. 417/2010

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Christian Mangion, iben Robert, imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju, 1976, Karta ta' l-Identita numru 249976(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'April, 2010, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie

magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnjata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju;
2. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, illi b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement għamel użu minn tali dokumenti;
3. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkometta tali reati, fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;
4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skkont il-liġi tordna wkoll il-kkonfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skkont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Diċembru, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 167, 168 u 169 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 17, 18, 49, 50 u 141 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Diċembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 141, 167, 168, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali.  Ikkunsidrat dawr il-piena.  Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu u radd dak kollu dovut.  Rat il-fedina penali.  Rat il-fatt li l-imputat qed jaħdem bi profit u fil-fehma ta’ din il-Qorti piena karċerarja ma tkunx f’postha.  Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Billi ma tqabbdu ebda esperti f’din il-kawża mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------